**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**22 ta' Jannar 2018**

**Rikors Numru 29/2017**

**Jonathan Cauchi**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Jonathan Cauchi** pprezentat fil-21 ta' April 2017 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi fit-23 ta' Marzu 2017 huwa rcieva risposta minghand l-intimat illi l-applikazzjoni tieghu kienet qed tigi michuda a tenur tal-artikoli 10(a)(i) u 10(b) tal-Kap. 389 (Dok A). Illi huwa hass ruhu aggravat mid-decizjoni fuq imsemmija tat-23 ta' Marzu 2017 u qed jintavola appell.*

*Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

*Illi l-esponent kien applika ghal-licenzja ta' Gwardjan Privat u ssodisfa r-rekwiziti kollha mnizzla fl-applikazzjoni. Huwa ma nghata ebda spjegazzjoni sakemm ircieva l-ittra ta' rifjut.*

*Illi ghalkemm il-Kap. 389 jispecifika li tali applikazzjoni tista' tigi rifjutata a bazi ta' interess pubbliku pero' awtorita' pubblika ma tistax tuza din il-bazi minghajr ma tispecifika r-raguni li skont hi tmur kontra l-interess pubbliku. Dan huwa principju bazilari fil-kamp amministrattiv. In-nuqqas li tinghata raguni irendi d-decizjoni in kwistjoni irragjonevoli u din il-Qorti ghandha s-setgha tissindika l-istess.*

*Illi f'din ir-rigward issir referenza ghall-principju Anglosassonu enuncjat fis-sentenza Associated Provincial Picture Houses v. Wednesbury Corporation liema principju gie adottat diversi drabi mill-Qrati taghna. Issir referenza per ezempju ghas-sentenza fl-ismijiet Carmelo Sive Charles Dingli Et vs Kontrullur Tad-Dwana fejn insibu s-segwenti:*
*"Fil-kaz Associated Provincial Picture Houses v. Wednesbury Corporation [1948] 1 KB 223, Lord Greene osserva li the bounds of legal reasonableness f'decizjoni ta' awtorita' pubblika ma jkunux gew osservati jekk id-decizjoni in ezami tkun so absurd that no sensible man could ever dream that it lay within the powers of the authority. Fl-istess kuntest Lord Denning fil-kaz Secretary of State for the Education v. Tameside Metropolitan Borough Council [1977] AC 1014 qal li d-decizjoni ma tkunx within the bounds of legal reasonableness jekk tkun so wrong that no reasonable person could sensibly take that view; u Lord Diplock fil-kaz Council of Civil Service Unions v. Minister for the Civil Service [1985] AC 374 qal li decizjoni amministrattiva tkun beyond the bounds of legal reasonableness jekk tkun so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it37. Kif gia' osservat, fil-kaz in ezami l-konvenuti ma awtorizzawx ir-rilaxx tal-merkanzija importata mill-atturi fuq il-premessa li l-prodott importat minnhom ma kienx jikkwalifika bhala chopped ham skont il-Codex Alimentarius u ghalhekk ma kienx kopert bil-licenzja mahruga favur taghhom. Izda, mill-gdid jigi osservat illi fiz-zmien in kwistjoni l-Codex Alimentarius ma kienx jifforma parti mil-ligi domestika u l-kriterji stabbiliti fih dwar x'jammonta ghal chopped ham ma kienux indikati bhala kondizzjonijiet fil-licenzja ta' importazzjoni mahruga favur l-atturi".*

*Illi l-esponent, in vista tan-nuqqas ta' ragunijiet ta' rifjut, ma jistax jikkontesta r-rifjut tad-dettall f'dan ir-rikors pero' jirrizerva d-dritt illi jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri wara li jigi spjegat fid-dettall ir-raguni ta' rifjut. Jigi sottomess pero' illi l-ebda raguni ghalfejn kellu jkun hemm rifjut a bazi tal-artikoli indikati.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li dan it-Tribunal joghgbu jhassar, jirrevoka u jikkancella d-decizjoni tal-intimat kif kontenuta f'ittra tat-23 ta' Marzu 2017 u konsegwentement jordna illi tinghatalu l-licenzja ta' Gwardjan Privat u din taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Ra r-risposta **<u>tal-Kummissarju tal-Pulizija</u>** datata 11 ta' Mejju 2017 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

1. *"Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrent fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni ta` l-istess esponent li ma joħroġx il-liċenzja ta` gwardjan privat lir-rikorrent a bażi tal-Artikolu 10 (a) (i) u Artikolu 10 (b) tal-Kap 389 (Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali), kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smiegħ ta' dan ir-rikors.*

2. *Illi nonostante li r-rikorrent is-sodisfa r-rekwiżiti imniżżla fl-applikazzjoni ma jfissirx li l-liċenzja għal gwardjan privat għandha awtomatikament tinħareġ. Tant hu hekk li l-Artikolu 9 tal-Kap 389 jippreċiża li l-Kummissarju għandu jgħaddi biex jaċċetta l-applikazzjoni jew jirrifjuta l-applikazzjoni. Magħdud ma'*

*dan, l-Artikolu 10 jelenka dawk iċ-ċirkostanzi li taħthom l-esponent għandu jirrifjuta l-applikazzjoni għal gwardjan privat jew lokali. Għalhekk huwa biss wara li kien hemm skrutinju tal-fedina penali tar-rikorrent mill-esponent li setgħa dan tal-aħħar jgħaddi biex jirrifjuta l-applikazzjoni għal-liċenzja ta' gwardjan privat.*

3. *Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent instab ħati ta' diversi reati inkluż li volontarjament ta n-nar lil dar ta' abitazzjoni meta kien hemm in-nies ġewwa l-istess residenza. Il-Kummissarju esponent jikkunsidra dan ir-reat bħala gravi taħt l-Artikolu 10 (a) (i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif ser jiġi wkoll trattat fil-mori ta' dan ir-rikors.*

4. *Illi mill-qari ta' l-artikolu jingħad illi Artikolu 10 (a) (i) tal-Kap 389 ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda* ***jimponi obbligu fuq il-Kummissarju*** *li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) ta` l-istess Kapitolu 389 u dan b'differenza li kieku r-rifjut ingħata fuq il-bazi ta` l-interess pubbliku waħdu (ai termini tas-subartikolu 10(b) tal-Kapitolu 389), fejn il-Kummissarju tal-Pulizija jgawdi diskrezzjoni.*

5. *Illi f'dan il-każ il-leġislatur ried illi persuni li jkunu nsabu ħatja ta' reati ta' ċertu gravita ma għandhomx jiġu mħollija jagħmlu x-xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol, u l-ħtieġa li gwardjan privat għandu jkun persuna b'karattru affidabbli.*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, minħabba n-natura tar-reati li tagħhom instab ħati u kif ukoll ir-rikorrent kien reċediv, l-esponent ħass illi ma kienx fl-interess pubbliku li tinħareġ il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent. Jingħad illi l-Kummissarju tal-Pulizija jgawdi diskrezzjoni permezz tal-Artikolu 10 (b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jekk iħoss illi persuna li kellha dawk it-tipi ta` reati fil-fedina penali tagħha ma hix persuna idonea sabiex tagħmel ix-xogħol ta` gwardjan privat jista' jirrifjuta li jagħti l-liċenzja u dan jagħmlu fl-interess pubbliku. Il-Kummissarju, wara li joħrog il-liċenzja, ma għandu l-ebda kontroll fejn se jintbagħat jaħdem l-impjegat u f'liema sitwazzjonijiet se jsib ruħu.*

7. *Illi di piu ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali) jindika b'mod ċar illi f'każ ta' rifjut taħt l-Artikolu 10 (b) m'hemmx għalfejn jingħataw raġunijiet dettaljati iżda 'ikun biżżejjed li jiddikjara li l-liċenza tkun ġiet rifjutata fl-interess pubbliku.'*

8. *Illi finalment b'referenza għall-aħħar talba mqajma mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-esponent joħroġ il-liċenzja ta' Gwardjan Privat, se mai dan l-Onorabbli Tribunal jista' jordna lill-esponent jerġa jikkonsidra d-deċiżjoni minnu mogħtija, u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Ra l-affidavit tar-rikorrent u sema' lill-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi;

Ra n-Nota tal-Kummissrju intimat datata 18 ta' Lulju 2017;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 23 ta' Marzu 2017 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B`riferenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenza ta' Gwardjan Privat, jiddispjacini ninfurmak, illi l-applikazzjoni tieghek qieghda tigi rifjutata ai termini ta' l-artikolu 10 (a) (i) kif ukoll 10(b) tal-Kap 389 tal-Ligijet ta' Malta."*

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa ghandu zewgt itfal ta' tlettax-il sena. Jispjega li huwa ghand impjieg ta' xufier ta' taxi ma' Kumpanija privata pero` m'ghandux paga tajba. Jghid li huwa xtaq jibda jahdem ta' gwardjan ma' Transport Malta ghaliex il-paga kienet izjed, pero` gie infurmat li kellu bzonn licenzja ta' gwardjan privat.

**L-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi**, in rapprezentanza tal-Kummissarju intimat, xehdet illi meta l-Kummissarju intimat ha in konsiderazzjoni s-sentenzi kollha li nghataw fil-konfront tar-rikorrent iddecieda li johrog ir-rifjut. Tghid li meta l-Kummissarju ra s-sentenza tat-3 ta' April 2006 huwa kien tal-opinjoni li r-reati mwettqa jistghu jikklassifikaw bhala reati gravi u ghalhekk hareg ir-rifjut taht artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt meta ra s-sentenzi kollha hass li kien anke fl-interess pubbliku li ma tinharigx il-licenzja *de quo*.

**Ikkunsidra:**

Illi artikolu 10 a (i) u (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar Gwardjani Privati u Lokali) jghid is-segwenti:-

*"Il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi* ***delitt gravi ieħor****; ...*

*(b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-****interess pubbliku*** *li jirrifjuta dik il-liċenza;"*

Illi siccome` l-Kummissarju intimat ibbaza r-rifjut fuq is-sentenzi li nghataw fil-konfront tar-rikorrent ikun ghaqli li dawn jigu citati f'din is-sentenzi biex ikun hemm kwadru komplut tac-cirkostanzi li fih inhareg ir-rifjut u cioe`:-

1. Permezz ta' sentenza datata 31 ta' Mejju 2001 ir-rikorrent instab hati li (i) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ta n-nar jew spara maskli, bombi, suffarelli, jew xogholijiet tan-nar ta' kull xorta li jkunu, inkella tella' blalen bin-nar, jew ghamel esplozjoni jew nar li jista' jkun ta' perikolu f'kull post li jkun, (ii) talli ta qtajja jew bezza' lil terzi b'mod li jista' jaghmlilhom hsara, ghalkemm ghamilha b'cajta, u (iii) talli bil-lejl kiser il-mistireh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew mod iehor. L-imputat ammetta ghal dawn l-imputazzjonijiet u gie kundannat multa ta' ghoxrin lira Maltin u ammenda ta' ghoxrin liri Maltin;
2. Permezz ta' sentenza datata 2 ta' Dicembru 2004 ir-rikorrent instab hati illi saq vettura b'manjiera perikoluza u b'giri aktar milli jmissu u gie kkundannat multa ta' sittin lira Maltin u sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett xhur;
3. Permezz ta' sentenza datata 3 ta' April 2006 ir-rikorrent instab hati ta' (i) tentattiv ta' hruq ta' dar ta' abitazzjoni, (ii) talli volontarjament hassar u gharraq hwejjeg haddiehor, (iii) talli saq vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u b'mod perikoluz, (iv) talli ma obdiex ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, u (v) talli sar recidiv. Ir-rikorrent kien ammetta ghal dawn l-imputazzjonijiet u

l-Qorti kkundannatu multa ta' hames mitt lira Maltin u poggietu taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin.

4. Permezz ta' sentenza datata 6 ta' Gunju 2011 ir-rikorrent gie misjub hati, fuq ammissjoni, illi fil-grawnd Nazzjonali ta' Ta' Qali (i) wera mgieba abbuziva u hazina, (ii) kiser il-bon ordni u l-paci pubblika u (iii) volontarjament kisser siggu. Ghal dawn ir-reati gie kkundannat multa ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin u gie sospiz milli jattendi fi kwalunkwe grawnd ghal zmien sitt xhur.
5. Permezz ta' sentenza datata 6 ta' Frar 2012 ir-rikorrent gie misjub, fuq ammissjoni hati li (i) kkommetta serq ta' hames mija u hamsin ewro (€550) u gie kkundannat tmintax-il xhur prigunerija sopizi ghal tlett snin u gie ordnat ihallas l-ammont misruq lid-derubata.
6. Permezz ta' sentenza datata 29 ta' Novembru 2016 ir-rikorrent instab hati li saq vettura b'mod traskurat, perikoluz u bla kont u li qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku u gie kkundannat twiddiba.

Illi fil-mertu r-rikorrent isostni li huwa ma setghax jikkontesta d-decizjoni tal-Kummissarju intimat peress li ma nghata l-ebda raguni specifika ghaliex l-applikazzjoni tieghu giet rifjutata. Isostni wkoll illi skond hu ma hemm l-ebda raguni ghal tali rifjut abbazi tal-artikoli indikati mill-Kummissarju intimat.

Illi l-Kummissarju intimat esebixxa sitt sentenzi li abbazi taghhom inhareg ir-rifjut. L-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi spjegat illi r-rifjut abbazi tasl-artikolu 10 (a) (i) inhareg peress li l-Kummissarju intimat ikkunsidra t-tentattiv ta' hruq ta' dar ta' abitazzjoni bhala reat gravi. Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu r-rikorrent jargumenta illi jekk il-hsara rizultanti minn dan l-incident ma teccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) allura r-reat ma jistghax jigu kkunsidrat bhala wiehed gravi ai termini tas-subinciz (v) tal-artikolu 10 (a). Illi pero` bir-rispett dovut, it-Tribunal ma jqisx illi l-fatt biss illi l-hsara sofferta kienet inqas mill-ammont indikat jista' b'xi mod jigi interpretat li r-reat ta' hruq ta' bieb ta' residenza huwa xi reat mhux gravi. Ir-rikorrenti min-naha tieghu ma ta l-ebda spjegazzjonji dwar ic-cirkostanzi ta' tali incident u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu biss quddiemu l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu flimkien mas-sentenza relattiva. Mill-istess sentenza jirrizulta illi dan l-incident kien sar f'daghdija ta' mument u ma kienx wiehed premeditat. Madankollu xorta r-reat jibqa' wiehed serju hafna ghaliex li kieku ma twaqqafx il-konsegwenzi kienu jkunu hafna aghar. Illi jekk wiehed jara l-artikolu 10 (a) (i) isib li fih hemm imsemmija reati bhal omiċidju volontarju, offiża gravi fuq il-persuna jew xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont jew bil-vjolenza. Illi l-hruq

b'perikolu ghall-hajja huwa delitt gravi u ghalkemm f'dan il-kaz kien hemm biss tentattiv minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tar-rikorrent, xorta wahda n-natura tieghu tibqa' wahda serja hafna. Ghaldaqstant it-Tribunal iqis illi l-Kummissarju intimat kien gust meta fid-diskrezzjoni tieghu ikklassifika tali reat bhala delitt gravi.

Illi l-Kummissarju intimat ibbaza r-rifjut tieghu abbazi wkoll tal-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` li ma kienx fl-interess pubbliku li tinhareg tali licenzja.

Illi t-Tribunal jirrileva illi meta l-Kummissarju intimat ikollu kaz bhal dak odjern huwa tabilfors irid jezercita d-diskrezzjoni tieghu dwar kif se jzomm bilanc bejn l-interess pubbliku u d-dritt li l-applikant jezercita l-professjoni ta' gwardjan privat. Illi fid-Dritt Amministrattiv huwa principju assodat li *"a person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably".*[1] Fis-sentenza ***Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation*** ([1948] 1 KB 223 at 229) Lord Greene MR osserva li*: it is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise of statutory discretions often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting 'unreasonably'. Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the powers of the authority. Warrington LJ in Short v. Poole Corporation gave the example of the red haired teacher, dismissed because she had red hair. This is unreasonable in one sense. In another it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it might almost be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another.'*[2]

Illi minhabba n-natura tas-servizzi li jistghu jigu prestati minn Gwardjan Privat[3] huwa logiku u legittimu li fl-ghoti u t-tigdid ta' tali licenzji jigi kkunsidrat l-aspett ta' l-interess pubbliku u li decizjoni moghtija fil-kamp kriminali fir-rigward ta' applikant timpingi fuq tali konsiderazzjoni u hu necessarju li jkun hemm evalwazzjoni appozita jekk l-applikant hux

---

[1] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 295.
[2] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 303.
[3] Ara d-definizzjoni ta' "servizzi ta' gwardjani privati" f'artikolu 2 tal-Kapitolu 389

persuna idonea *o meno* ghal tali posizzjoni mill-awtorità regolatrici koncernata, f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi is-sentenzi esebiti u citati iktar 'il fuq jirrizulta illi r-rikorrent xellef difrejh mal-gustizzja ghal iktar minn darba, bl-ahhar darba tkun fl-2015. Illi n-natura tar-reati mwettqa mir-rikorrent hija varjata bl-iktar gravi, fl-opinjoni tat-Tribunal, ikun ir-reat imwettaq fl-2004 u li gie ampjament deskritt iktar 'il fuq. Illi r-reati mwettqa mir-rikorrent, ghalkemm ivarjaw fil-gravita` taghhom, juru li matul is-snin l-esponent wera dizrispett lejn il-ligi. Ghalhekk, dawn ic-cirkostanzi huma differenti mill-kaz citat mir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu u cioe` **Edward Cernigliaro vs Kummissarju tal-Pulizija** deciz minn dan it-Tribunal kif konfermat mill-"Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Frar 2017. Il-provi dwar ir-rijabilitazzjoni tal-imputat f'dak il-kaz kienu ferm differenti mill-kaz odjern. Fil-kaz ta' Cernigliaro, ir-rikorrent ma kien wettaq l-ebda reat iehor wara l-2006 u wera bic-car li jrid ibiddel ir-rotta ta' hajtu. Mhux l-istess jista' jinghad ghar-rikorrent odjern li wara l-2006 kellu fil-konfront tieghu tliet sentenzi kriminali ohra bl-ahhar wahda deciza fid-29 ta' Novembru 2016.

Illi gwardjan privat irid, fost affarijiet ohra, ikun ta' ezempju ghac-cittadin f'dak li ghandu x'jaqsam tharis ta' ligijiet u zamma tal-ordni. Certament dak li wettaq ir-rikorrent ma jurix dan ir-rispett Ghalkemm dan it-Tribunal jaqbel u jemmen illi bniedem li jkun zbalja ghandu jinghata cans jirriforma ruhu, inkluz fejn jidhlu opportunitajiet ta' xoghol, wiehed irid joqghod attent li c-cittadin jibqa' jkollu fiducja fil-gwardjan privati u lokali. Illi fl-isfond ta' dan kollu, dan it-Tribunal jifhem li l-Kummissarju intimat uza d-diskrezzjoni tieghu b'mod gust meta kien tal-opinjoni li mhux fl-interess pubbliku li r-rikorrent jithallas jezercita l-mestjier in kwistjoni. Il-mestjier in kwistjoni jirrikjedi, f'certi kazijiet, kontroll ta' sitwazzjonijiet fejn ir-reazzjoni tal-gwardjan privat tista' ssalva jew tgharraq tali sitwazzjoni. Il-fedina penali tal-imputat turi xort'ohra.

Ghaldaqstant it-Tribunal ihoss li l-Kummissarju intimat ezercita b'mod gust id-diskrezzjoni konferita lilu anke ghal dak li jirrigwarda r-rifjut abbazi tal-artikolu 10 (b).

Illi finalment, pero`, it-Tribunal jirrileva illi ghalkemm il-*proviso* ta' artikolu 11 (1) tal-Kapitolu 399 jistipula illi l-Kummissarju intimat jista' jiddikjara biss li r-rifjut inghata fl-interess pubbliku, ikun iktar ghaqli u ekwu illi l-istess Kummissarju imqar jiccita s-sentenzi li abbazi taghhom ikun qieghed jaghti r-rifjut tieghu biex b'hekk applikant jitpogga f'posizzjoni ahjar biex jevalwa s-sitwazzjoni tieghu. **It-Tribunal jittama li l-Kummissarju intimat jaghti widen ghal dak appena rakkomandat.**

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tar-rikorrent u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**